

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Il-liġi ta' liema pajjiż tapplika?](#)

Il-liġi ta' liema pajjiż tapplika?

Meta tkun involut f'litigazzjoni f'każ fejn mhux il-fatti kollha tal-każ huma konnessi mal-istess pajjiż, hemm il-ħtieġa li tiġi stabbilita l-liġi li tkun se tiġi applikata mill-qorti fit-teħid tad-deċiżjoni fuq il-merti tal-kwistjoni.

Mal-espansjoni tal-kummerċ u s-safar internazzjonali, jespandi wkoll ir-riskju li kumpanija jew individwu jistgħu jiġu involuti f'tilwima li għandha element internazzjonali. Jista' jeżisti l-element internazzjonali minħabba li l-partijiet ikunu ta' nazzjonalità differenti jew peress li joqogħdu f'pajjiżi differenti jew peress li jkunu daħlu f'kuntratt li jirrigwarda operazzjoni li tkun qed iseħħ barra mill-pajjiż.

Fil-każ ta' tilwima, mhuwiex biżżejjed li jiġi stabbilit liema qorti jkollha [ġuriżdizzjoni](#) internazzjonali biex tisma' u tiddeċiedi l-kawża; jenħtieġ li jiġi stabbilit ukoll liema liġi se tkun applikabbli biex jiġi deċiż dwar il-merti tal-kwistjoni.

Fl-aħħar nett, jekk liġi barranija tkun applikabbli għal każ, il-kontenut ta' dik il-liġi barranija jeħtieġ li jiġi stabbilit bl-akbar ċertezza legali possibbli. Sabiex tgħin lill-qorti, lill-partijiet u lill-avukati tagħhom, konvenzjoni internazzjonali stabbiliet kooperazzjoni bejn l-Istati kontraenti tagħha (il-pajjiżi kollha tal-UE rratifikaw din il-Konvenzjoni minbarra l-Irlanda): [il-Konvenzjoni Ewropea tas-7 ta' Ġunju 1968 dwar l-Infurmazzjoni dwar il-Liġi Barranija](#). Ara [l-paġna web tal-KtE](#) dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Infurmazzjoni tal-Liġi Barranija u l-Protokoll Addizzjonali tagħha.

In-[Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali](#) (NĠE ċivili) jista' jassisti wkoll lill-qrati u lill-awtoritajiet ġudizzjarji biex isibu l-kontenut tal-liġi barranija, permezz tal-[informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali](#) pprovduta mill-iskedi informattivi tan-NĠE ċivili jew l-assistenza tal-punti ta' kuntatt tan-NĠE ċivili.

Fl-aħħar nett, l-[iskeda informattiva dwar il-Legjżlazzjoni Nazzjonali](#) tista' tiġi kkonsultata għal ħarsa ġenerali tad-diversi sorsi tal-liġi fl-Istati Membri differenti.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

L-aħħar aġġornament: 15/07/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-infurmazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.